MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1182/1999/1

**Joseph Falzon u b'digriet tal-Qorti ta' l-24 ta' Mejju 2001 gew nominati Dr. Victor Scerri u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja bhala Kuraturi ghall-assenti Joseph Falzon.**

**vs**

**Graziella Falzon.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Billi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju. sevizzi, eccessi u ingurji gravi da parti tal-konvenuta.

Billi l-konvenuta giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta’ digriet f’dan is-sens moghti mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta’ April 1999 (Dok “A”) u l-attur gie b’effett ta’ l-istess digriet awtorizzat jipprezenta din l-istanza.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta u ghall-finijiiet ta’ l-**artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili (Kap 16)** tistabbilixxi d-data meta l-istess hati tal-firda;

(2) Tawtorizza lill-attur illi jghix separat mill-konvenuta martu;

(3) Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, Kyra u Kyle, ahwa Falzon, jigu fdati lill-attur salv l-access tal-konvenuta fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti.

(4) Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas Iill-attur, ghalih u ghall-imsemmija tfal minuri dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti skond il-mezzi tal-konvenuta u l-bzonnijiet ta’ l-attur fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti.

(5) Tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parti, d-dispozizzjoni ta’ l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16)**;

(6) Tiddikjara xolta l-kommunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabilit minn din il-Qorti in vista, *inter alia* tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsidrata minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-istess konvenuta billi, *occorrendo* ghall-finijiet ta’ din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni

mitluba u jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

(7) Tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur l-beni kollha dotali u parafernali tieghu u separatament tordna illi l-attur jigi moghti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu.
(8) Tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata esklussivament mill-attur.

(9) Tawtorizza lill-attur illi jirregistra ossia jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond’Awla ta’ din il-Qorti u tal-mandat ta’ Qbid kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 8 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Settembru 1999 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tal-konvenuta ghall-25 ta’ Ottubru 1999;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta ta’ l-14 ta’ Ottubru 1999 a fol. 13 fejn gie eccepit:-

(1) Illi l-konvenuta taqbel li ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni bejn il-kontendenti pero`` ma taqbilx illi l-hajja konjugali m’ghadhiex aktar possibli minhabba htijiet taghha kif premess fic-citazzjoni izda minhabba htijiet imputabbli lilu *stante* adulterju, sevizzi, eccessi, ingurji gravi, theddid, vjolenza, aggressjoni kommessi da parti ta’ l-attur kif ukoll minhabba inkompatibilita ta’ karattru.

(2) Illi l-konvenuta ma topponix ghat-tieni talba.

(3) Illi l-konvenuta topponi ghat-tielet talba *stante* li l-attur m’huwiex il-persuna idoneja sabiex irabbi l-minuri.

(4) Illi l-konvenuta topponi ghar-raba` talba *stante* li hija m'ghandiex mezzi. Anzi huwa l-attur li huwa dovut imantni lil martu u lil uliedu *stante* li huwa ghandu introjtu hafna iktar minnha.

(5) Illi hija topponi ghall-hames talba *stante* li l-istess sanzjonijiet ghandhom jigu applikati kontra l-istess attur.

(6) Illi hija ma topponix li tigi dikjarata xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti pero`` hija terga' ttenni li kien l-attur li jahti ghall-firda.

(7) Illi l-konvenuta m'ghandha l-ebda beni dotali u parafernali ta' l-attur u ghalhekk is-seba' talba ghandha tigi michuda.

(8) Illi l-konvenuta topponi ghat-tmien talba *stante* li hija m'ghandhiex fejn tghix u qed ikollha tghix temporanjament ma' ommha.

(9) Illi l-konvenuta ma topponix ghad-disa' talba.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 14 tal-process;

Rat il-**kontro-talba** tal-konvenuta ta' l-14 ta' Ottubru 1999 fejn ppremetiet li:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-2 ta' Mejju 1992;

Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti thassar irrevokabbilment minhabba adulterju, sevizz, eccessi, ingurji gravi, theddid, vjolenza, aggressjoni kommessi da parte ta' l-attur, kif ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru;

Illi miz-zwieg twieldu zewgt itfal li ghadhom minuri ossia Kyra u Kyle;

Illi l-konvenuta giet debitament awtorizzata skond Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili ta' l-20 ta' April 1999,

(kopja ta’ liema giet pprezentata mill-attur bhala Dok. “A”), biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali.

Illi ghalhekk l-istess konvenuta talbet li jghid l-attur (mhux il-konvenuta kif erronjament indikat fl-istess kontro-talba) ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

(1) Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti.

(2) Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, Kyra u Kyle, ahwa Falzon, jigu fdati f’idejn il-konvenuta.

(3) Tikkundanna lill-attur ihallas manteniment adegwat ghaliha u ghaz-zewg minuri msemmija.

(4) Tiddikjara xolta l-kommunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f’zewg porzjonijiet *applicando* kontra l-attur (*correge* mhux konvenut) is-sanzjonijet kontemplati fil-ligi u tassenja wahda mill-konvenuta (*correge* – mhux l-attrici) u l-ohra lill-istess attur (*correge* – mhux konvenut), bin-nomina *occorendo* ta’ perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta’ qasma, w *occorendo* ta’ nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jipprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez u l-attur (*correge* – mhux il-konvenut) ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-verbali tal-25 ta’ Ottubru 1999 u ta’ l-24 ta’ Marzu 2000 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika ta’ l-attur bil-kontro-talba tal-konvenuta; tat-23 ta’ Marzu 2000 fejn il-konvenuta rreferiet ghar-rikors taghha ta’ l-1 ta’ Marzu 2000 fejn talbet lill-Qorti sabiex tahtar Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Joseph Falzon peress li siefer u mhux bi hsiebu jigi lura ghalissa; il-Qorti laqghet it-talba b’dan li l-ewwel jinhargu s-soliti bandi; tas-7 ta’ Novembru 2000; ta’ l-20 ta’ Frar 2001.

Rat id-digriet ta’ l-24 ta’ Mejju 2001 fejn il-Qorti nnominat lill-Avukat Dr. Victor Scerri u lill-Prokuraturi Legali Victor Bugeja.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati tal-21 t'Awissu 2001 fejn gie eccepit:-

1. Illi huma m'humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din l-azzjoni u jitolbu lill-atturi jtuhom l-indirizz tal-patrocinat taghhom.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti kuraturi deputati tal-21 t'Awissu 2001 a fol. 55.

Rat il-verbali tas-seduta ta' l-20 ta' Novembru 2001; tas-16 ta' Ottubru 2002 fejn Dr. Victor Scerri ipprezenta nota b'zewg dokumenti; tad-9 ta' Jannar 2003 fejn il-Qorti ddikjarat il-provi attrici maghluqa.

Rat in-nota tal-konvenuta tas-26 ta' Frar 2003 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess (a fol. 69).

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**konvenuta**, fl-affidavit taghha stess xehdet:-

*"Illi jien izzewwigt lil Joseph Falzon fit-2 ta' Mejju 1992. Kellna zewgt itfal, Kyra li twieldet fit-29 ta' Ottubru 1993 u Kyle li twieled fit-30 ta' Settembru 1994.*

*Illi sa' meta zzewwigna r-ragel kien bil-ghaqal. Kellu impjieg regolari. Wara sena taz-zwieg pero`` r-ragel kien beda jiehu d-drogi. Kien jiehu kokaina tat-tip 'crack' kuljum fil-prezenza tieghi u anke quddiem it-tfal. Id-dar kien mill-*

*ewwel melihieli 'junkies' kollha gejjin biex jixtru minghandu u biex jihduha mieghu.*

*Illi jien kemm il-darba tlaqt mid-dar ghax din is-sitwazzjoni mill-ewwel dejqitni. Jien qatt ma kelli dan il-vizzju. Pero`` jew ghax kont nispicca bla flus jew ghax ma kellix fejn noqghod, kont nispicca nerga' mmur lura d-dar.*

*Illi l-Pulizija gieli gew id-dar u ghamlu 'searches' kemm- il darba pero`` huwa kien iffortunat ghax qatt ma qabduh ghalkemm kienu jafu bih.*

*Illi jien tlaqt mid-dar ghal kollox f'Marzu 1999. Ir-ragel kien sadanittant zviluppa relazzjoni ma' certu Liliana. Kien jiltaqa' maghha sikwit u jien dan kont nafu. Darba minnhom pero`` kien gie d-dar maghha. Dan jien ma stajtx nissaportih u hadt it-tfal u tlaqt ghand ommi.*

*Illi naf illi wara li tlaqtu jien ir-ragel ghamel zmien arrestat minhabba d-droga. Ma nafx jekk tressaqx il-Qorti pero`` wara ftit harab minn Malta u minn dak iz-zmien sa llum jien ma rajtux iktar u lanqas ma qatt smajt xejn minghandu.*

*Illi jien qed nippretendi li ninghata l-kura u kustodja u peress illi r-ragel huwa mahrub u minhabba l-problema tad-droga li kellu ma nhossx illi huwa lok li jinghata xi dritt ta' access ghat-tfal.*

***Manteniment***

*Illi ovvjament la darba huwa mahrub huwa difficli ghalija li niehu xi manteniment. Jien pero`` ma nahdimx u nghix bl-ghajnuna socjali.*

***Komunjoni ta' l-akkwisti***

*Illi d-dar matrimonjali "Dreadlocks", Triq is-Silla, M'Scala kienet inxtrat waqt iz-zwieg. Pero` minhabba d-drogi r-ragel tant dahal f'dejn illi kellu jbiegh id-dar biex ihallas id-dejn. Kienu jigu jhabbtu mal-bieb hafna nies li kellhom*

*jiehdu minghandu. B'hekk id-dar kellha tinbiegh. Bil-flus taghha thallas xi dejn pero` ghadu ma thallasx kollu.*

*Illi konna xtrajna Volkwagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni AAB 862. Din qeghda ghandi u kont hallast id-dejn li kien ghad fadal fuqha wara illi harab ir-ragel.*

*Illi naf ukoll illi ghad fadal xi nies illi ghad ghandhom jiehdu minghand ir-ragel minhabba l-vizzju li kellu. Dawn ma nafx min huma pero` inhoss illi jien m'ghandix naghmel tajjeb ghal dan id-dejn.*

*Illi xi ftit xhur wara z-zwieg ir-ragel tieghi kien xtara hanut tal-laham li kien jismu Tal-Qormi Butcher, Main Street, Zabbar. Dan kien rega' inbiegh pero` min kien xtrah, certu Brian Azzopardi, fadallu jhallasna bilanc ta' Lm6,000 fuqu."*

## ii) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>

Illi l-provi f'din il-kawza huma ghal kollox skarsi fejn adirittura l-attur ma pprezenta l-ebda provi *stante* li jidher li wara li istitwixxa l-kawza huwa telaq minn Malta, u *nonostante* li l-kuraturi deputati kkomunikaw ma' missier l-attur dan ma ta l-ebda rispons. Il-konvenuta minn naha taghha kull ma pprezentat kien biss affidavit taghha fuq riportat, tal-25 ta' Frar 2003, u ghalhekk din il-Qorti trid tezamina l-allegazzjonijiet tal-partijiet fl-isfond ta' dawn il-provi hekk prodotti.

Illi dwar r-responsabilita' tal-partijiet li tat lok ghas-separazzjoni bejn il-kontendenti, hija ovvja li fil-kuntest tat-talbiet attrici dawn ma jistghux jigu milqugha *stante* li l-attur assulutament ma ressaq ebda provi, b'dan ghalhekk li l-allegazzjonijiet minnu vantanti ma gew bl-ebda mod sostanzjati minnu.

Illi minn naha taghha l-konvenuta tallega li l-attur kien hati lejha ta' adulterju, sevizzi, eccessi, ingurji gravi, theddid, u vjolenza u mill-provi prodotti minnha stess jidher li l-attur

kellhu l-vizzju tad-droga wara z-zwieg li gabu ghal dan l-inkwiet kollu bil-konsegwenza li minhabba l-intricci tieghu f'dan il-vizzju l-konjugi kienu kostretti jbieghu d-dar konjugali *"Dreadlocks"* Triq is-Silla, M'Scala sabiex jithallas parti mid-dejn li huwa kien ghamel kawza ta' l-istess vizzju. L-istess kellu jsir ghall-hanut tal-laham li l-attur kien xtara bl-isem "Tal-Qormi Butcher", Main Street, Zabbar, u jidher li dan fih innifsu jammonta ghal sevizzi u eccessi, u dan apparti l-fatt li minhabba dan il-vizzju l-attur kien naqas li jmatni lil martu u lil uliedu, kif ghadu sa llum ma jaghmilx peress li telaq permanentament minn Malta. Jidher ukoll mill-provi, li l-Qorti tirrepeti ma gew bl-ebda mod kontestati li waqt iz-zwieg l-istess attur kellu relazzjoni ma' certu Liliana, pero` fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-adulterju allegat mill-provi ma giex sostanzjat.

Illi jidher li l-kontendenti kellhom zewg ulied Kyra u Kyle li prezentement jghixu mal-konvenuta ghar-raguni wkoll li l-attur telaq minn Malta, u ghalhekk il-kura u l-kustodja ta' l-istess ghandha tigi fdata f'idejn l-istess konvenuta, bla ebda dritt ta' access mill-attur, kemm ghaliex jidher li abbandunahom, u lanqas mantnihom, kif ukoll minhabba l-allegazzjoni li saret mill-konvenuta fil-konfront ta' zewgha li l-istess attur kien jiehu d-droga quddiem l-istess tfal, u ghalhekk jidher li taht dawn ic-cirkostanzi l-access tal-missier lejn uliedu ghandu jigi projbit. Fi kwalunkwe kaz jidher li l-attur sfortunatament ftit ta' kaz ta' uliedu almenu fil-mori tal-kawza, peress li telaq minn Malta bla kliem u bla sliem u lanqas pprova jaghmel kuntatt ma uliedu.

Illi dwar manteniment, ghalkemm mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuta u uliedha ghandhom dritt ta' manteniment minghand l-attur, pero` l-ebda manteniment ma jista' jigi likwidat *stante* li ma hemm l-ebda prova dwar il-mezzi u l-introjtu ta' l-attur.

Illi dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti jidher li l-gran parti taghha gja giet likwidata mill-partijiet peress li dik li kienet id-dar matrimonjali kellha tinbiegh sabiex taghmel tajjeb ghad-dejn ta' l-attur minhabba l-vizzju tieghu tad-droga, kif l-istess gara ghall-hanut tal-laham li kellu, ghalkemm baqa' kreditu favur il-kontendenti ta' sitt elef lira Maltija

(Lm6,000) bilanc tal-prezz li bih inbiegh l-istess hanut “Tal-Qormi Butcher”, Main Street, Zabbar lil certu Brian Azzopardi, u dan apparti l-karozza Volkswagen Golf Reg. No. AAB 862 li tinsab fil-pussess tal-konvenuta u li hija kompliet thallas id-dejn fuqha.

Illi peress li mill-provi prodotti almenu mid-data li bdew il-prezenti proceduri quddiem is-Sekond’Awla tal-Qorti Civili mill-konvenuta mill-25 ta’ Frar 1999 l-attur qatt ma mantna la lill-konvenuta u lanqas lil uliedu u dan kif kien obbligat li jaghmel skond il-ligi, l-Qorti thoss li b’applikazzjoni ta’ l-**artikolu 45 (6) u l-artikolu 48 (1) tal-Kap 16** l-istess kreditu ta’ sitt elef lira Maltija (Lm6,000) minghand l-istess Brian Azzopardi, flimkien mal-karozza Volkswagen Golf Reg. No. AAB 862 ghandhom jigu assenjati lill-konvenuta u dan bhala saldu ta’ l-arretrati ta’ manteniment li l-istess attur naqas li jhallas lill-konvenuta, u b’dan kull ammont ta’ manteniment dovut lill-konvenuta qed b’hekk jigi saldat sad-data ta’ din is-sentenza. Din id-decizjoni qed tittiehed fl-isfond anke tal-provi hawn prodotti fejn jidher li ser ikun improbabbli li l-konvenuta u uliedha jigu mantnuti mill-attur anke fil-futur peress li sa llum lanqas hadd ma jaf fejn jinsab l-attur; madankollu d-dritt ta’ manteniment tal-konvenuta w uliedha minuri jibqa’ veljanti u mpregudikat mid-data ta’ din is-sentenza ‘l quddiem, b’dan li jekk ic-cirkostanzi jinbidlu u jigi ppruvat li l-attur ghandu xi forma ta’ introjtu ma hemm xejn x’izomm lill-konvenuta f’isimha u f’isem uliedha li tvanta tali dritt bi proceduri idonji quddiem il-Qorti kompetenti.

Illi ghalhekk f’dan is-sens it-talbiet tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha ghandhom jigu milqugha, u hlief ghall-premess it-talbiet ta’ l-attur ghandhom jigu michuda minhabba nuqqas totali ta’ provi minn naha tieghu.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi l-azzjoni attrici,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, **tichad l-ewwel, it-**

**tielet, ir-raba', l-hames, is-seba', it-tmien talbiet attrici, u tilqa' t-talbiet l-ohra biss u kollox kif hawn deciz,** b'dan illi:-

(1) Tichad l-ewwel talba attrici sabiex tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta, *stante* li tali separazjoni personali bejn il-kontendenti qed tigi ddikjarata minhabba ragunijiet imputabbli esklussivament lill-attur minhabba sevizzi u eccessi prattikati minnu kontra l-konvenuta u uliedu kif ser jinghad anke fl-isfond tal-kontro-talba tal-konvenuta u ghalhekk ma hemmx fejn jigu applikati l-providementi ta' l-**artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili (Kap 16)** fil-konfront tal-konvenuta.

(2) Tawtorizza lill-attur illi jghix separat mill-konvenuta martu, u ovvjament lill-konvenuta tghix separatament mill-attur.

(3) Tichad it-tielet talba sabiex il-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, Kyra u Kyle, ahwa Falzon, jigu fdati lill-attur salv l-access tal-konvenuta fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti, anzi l-istess kura u kustodja ta' l-imsemmija minuri ghandha tigi fdata f'idejn il-konvenuta bla ebda dritt ta' access lill-attur ghall-istess ulied, u dan fl-interess ta' l-istess minuri.

(4) Tichad din ir-raba' talba sabiex tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas Iill-attur, ghalih u ghall-imsemmija tfal minuri dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti skond il-mezzi tal-konvenuta u l-bzonnijiet ta' l-attur fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti, u dan peress li huwa l-attur li ghandu l-obbligu ta' manteniment verso l-konvenuta u ma giex ippruvat li l-istess konvenuta tahdem jew ghandha xi ntrojtu.

(5) Tichad din it-talba *stante* li abbazi ta' dak deciz ma huwiex il-kaz li jigu applikati kontra l-konvenuta interament jew in parti, d-dispozizzjoni ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16)**;

(6) Tilqa' din it-talba sabiex tidikkjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet u dan b'effett mill-25 ta' Frar 1999, u tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti billi b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 45 (6) u l-artikolu 48 (1) tal-Kap 16**, il-kreditu ta' sitt elef lira Maltija (Lm6,000) minghand l-istess Brian Azzopardi, flimkien mal-karozza Volkswagen Golf bin-numru tar-registrazzjoni AAB 862 ghandhom jigu assenjati lill-konvenuta u dan bhala saldu ta' l-arretrati ta' manteniment li l-istess attur naqas li jhallas lill-konvenuta, u b'dan kull ammont ta' manteniment dovut lill-konvenuta bhala arretrati ta' manteniment qed b'hekk jigi saldat sad-data ta' din is-sentenza, filwaqt ukoll li l-attur jigi assenjat kull dejn ezistenti ma' terzi li huwa kkontratta personalment u jigu applikati kontra l-istess attur id-dispozizzjoni kollha ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16.**

(7) Tichad din it-talba sabiex tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur l-beni kollha dotali u parafennali tieghu u separatament tordna illi l-attur jigi moghti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu *stante* li ma giex ppruvat li l-istess konvenuta ghandha xi oggetti parafernali tal-attur fil-pussess taghha.

(8) Tichad din it-talba sabiex tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata esklussivament mill-attur, u dan peress li jirrizulta li d-dar konjugali kienet gja mibjugha lill-terzi.

(9) Tawtorizza lill-attur illi jirregistra ossia jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti u tal-mandat ta' Qbid kontra l-attur, b'dan li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

Illi ghar-rigward tal-kontro-talba tal-konvenuta, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta' l-attur u tal-Kuraturi Deputati ghall-istess kontro-talba u dan sa fejn l-istess huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet tal-konvenuta fir-rikonvenzjoni**

**taghha datata 14 ta’ Ottubru 1999** u dan fis-sens biss hawn deciz, b’dan illi:-

(1) Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-attur *stante* li l-istess kien hati verso l-konvenuta u uliedha ta’ eccessi u sevizzi, b’dan li l-attur qed jigi ddikjarat li huwa responsabbli unikament ghall-istess firda personali.

(2) Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, Kyra u Kyle, ahwa Falzon, jigu fdati f’idejn il-konvenuta u dan bla ebda dritt ta’ access ghall-istess minuri mill-attur u dan fl-interess tal-istess minuri.

(3) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba sabiex tikkundanna lill-attur ihallas manteniment adegwat ghaliha u ghaz-zewg minuri imsemmija u dan *stante* li ma gewx migjuba provi li jindikaw li l-attur ghandu xi forma ta’ introjtu jew impjieg, b’dan pero` li salv dak provdut f’din is-sentenza ghall-manteniment tal-konvenuta u uliedha sad-data ta’ din is-sentenza, l-konvenuta f’isimha proprju u ghan-nom ta’ uliedha minuri ghandha dritt ghal tali manteniment mid-data ta’ din is-sentenza kontra l-istess attur kemm-il darba jigi ppruvat li l-attur ghandu xi forma ta’ ntrojtu u ghalhekk jibqa’ mpregudikat id-dritt taghha li fil-futur tvanta l-istess dritt bil-proceduri gudizzjarji idonei u skond il-ligi.

(4) Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-kontendenti u dan b’effett dan b’effett mill-25 ta’ Frar 1999, u tillikwida l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti billi b’applikazzjoni ta’ l-**artikolu 45 (6) u l-artikolu 48 (1) tal-Kap 16,** il-kreditu ta’ sitt elef lira Maltija (Lm6,000) minghand l-istess Brian Azzopardi, flimkien mal-karozza Volkswagen Golf bin-numru tar-registrazzjoni AAB 862 ghandhom jigu assenjati lill-konvenuta u dan ghas-saldu ta’ l-arretrati ta’ manteniment li l-istess attur naqas li jhallas lill-konvenuta, u b’dan kull ammont ta’ manteniment dovut lill-konvenuta qed b’hekk jigi saldat sad-data ta’ din is-sentenza, filwaqt li l-attur jigi assenjat kull dejn ezistenti ma’ terzi li huwa kkontratta

personalment u jigu applikati kontra l-istess attur id-dispozizzjoni kollha ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16.**

Bl-ispejjez kollha tal-istess kontro-talba kontra l-attur filwaqt li l-Kuraturi Deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------